

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/325****tal-24 ta' Frar 2022**

**li temenda d-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/698, (UE) 2017/2448, (UE) 2017/2452, (UE) 2018/1109, (UE) 2018/1110, (UE) 2019/1304, (UE) 2019/1306 u (UE) 2021/1388 fir-rigward tad-detentur tal-awtorizzazzjoni u tar-rappreżentant tiegħu fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, li jikkonsistu, jew li huma prodotti minn ċerti organiżmi ġenetikament modifikati**

(notifikata bid-dokument C(2022) 1049)

**(It-test bl-Olandiż biss huwa awtentiku)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) u l-Artikolu 21(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Pioneer Overseas Corporation, ibbażata fil-Belġju, hija r-rappreżentant fl-Unjoni ta' Pioneer Hi-Bred International Inc., ibbażata fl-Istati Uniti, fir-rigward tal-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, li jikkonsistu jew li huma prodotti minn ċerti organiżmi ġenetikament modifikati, mogħtija bid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/698 <sup>(2)</sup>, (UE) 2017/2448 <sup>(3)</sup>, (UE) 2017/2452 <sup>(4)</sup>, (UE) 2018/1109 <sup>(5)</sup>, (UE) 2018/1110 <sup>(6)</sup>, (UE) 2019/1304 <sup>(7)</sup>, (UE) 2019/1306 <sup>(8)</sup> u (UE) 2021/1388 <sup>(9)</sup>.

<sup>(1)</sup> ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/698 tal-24 ta' April 2015 li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew huma prodotti mill-fażola tas-soġja modifikata ġenetikament 305423 (DP-305423-1) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 112, 30.4.2015, p. 71).

<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2448 tal-21 ta' Diċembru 2017 li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom il-fażola tas-soġja ġenetikament modifikata 305423 × 40-3-2 (DP-305423-1 × MON-04032-6), jew li jikkonsistu minnha jew jiġu prodotti minnha, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (ĠU L 346, 28.12.2017, p. 6).

<sup>(4)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2452 tal-21 ta' Diċembru 2017 li għedded l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, li jkunu jikkonsistu minn, jew li jkunu prodotti minn qamħirrum ġenetikament modifikat 1507 (DAS-01507-1) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 346, 28.12.2017, p. 25).

<sup>(5)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1109 tat-1 ta' Awwissu 2018 li għedded l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom il-qamħirrum ġenetikament modifikat 59122 (DAS-59122-7), li jkunu jikkonsistu minnu, jew li jkunu magħmulin minnu, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 203, 10.8.2018, p. 7).

<sup>(6)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1110 tat-3 ta' Awwissu 2018 li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom il-qamħirrum immodifikat ġenetikament 1507 × 59122 × MON 810 × NK603, jew li jikkonsistu minnu jew huma magħmulin minnu, u l-qamħirrum immodifikat ġenetikament magħmul minn taħlitiet ta' tnejn jew tlieta mill-eventi uniċi 1507, 59122, MON 810 u NK603, u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2009/815/KE, 2010/428/UE u 2010/432/UE (ĠU L 203, 10.8.2018, p. 13).

<sup>(7)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1304 tas-26 ta' Lulju 2019 li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom il-qamħirrum ġenetikament modifikat 4114 (DP-004114-3), li jikkonsistu minnu jew li jkunu magħmulin minnu, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 204, 2.8.2019, p. 65).

<sup>(8)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1306 tas-26 ta' Lulju 2019 li għedded l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom il-qamħirrum ġenetikament modifikat 1507 × NK603 (DAS-01507-1 × MON-00603-6), li jkunu jikkonsistu minnu, jew li jkunu magħmulin minnu, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 204, 2.8.2019, p. 75).

<sup>(9)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1388 tas-17 ta' Awwissu 2021 li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, li jikkonsistu minn, jew li jkunu magħmulin mill-qamħirrum ġenetikament modifikat 1507 × MIR162 × MON810 × NK603, u mill-qamħirrum ġenetikament modifikat li jikkombina tnejn jew tlieta mill-eventi uniċi 1507, MIR162, MON810 u NK603 skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 300, 24.8.2021, p. 22).

- (2) Dow AgroSciences Distribution SAS, ibbażata fi Franza, hija r-rappreżentant fl-Unjoni ta' Dow AgroSciences LLC, ibbażata fl-Istati Uniti, fir-rigward tal-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, li jikkonsistu jew li huma prodotti minn ċerti organiżmi ġenetikament modifikati, mogħtija bid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2452, (UE) 2018/1109 u (UE) 2019/1306.
- (3) Permezz ta' ittra bid-data tat-22 ta' Marzu 2021, Corteva Agriscience LLC infurmat lill-Kummissjoni li, mill-1 ta' Jannar 2021, Dow AgroSciences LLC bidlet isimha għal Corteva Agriscience LLC.
- (4) Permezz ta' ittra bid-data tal-1 ta' Novembru 2021, Pioneer Hi-Bred International, Inc. talbet li l-Kummissjoni tittrasferixxi d-drittijiet u l-obbligi ta' Pioneer Hi-Bred International, Inc. li jikkonċernaw l-awtorizzazzjonijiet kollha u l-applikazzjonijiet pendenti għall-prodotti ġenetikament modifikati, lil Corteva Agriscience LLC.
- (5) Permezz ta' ittra bid-data tal-1 ta' Novembru 2021, Corteva Agriscience LLC infurmat lill-Kummissjoni li, mill-1 ta' Novembru 2021, ir-rappreżentant tagħha fl-Unjoni kienet se tkun Corteva Agriscience Belgium BV, ibbażata fil-Belġju.
- (6) Il-bidlet mitluba huma purament amministrattivi fin-natura tagħhom u għalhekk ma jeħtiġux valutazzjoni ġdida tal-prodotti kkonċernati.
- (7) Għalhekk jenħteġ li d-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/698, (UE) 2017/2448, (UE) 2017/2452, (UE) 2018/1109, (UE) 2018/1110, (UE) 2019/1304, (UE) 2019/1306 u (UE) 2021/1388 jiġu emendati skont dan.
- (8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### Artikolu 1

#### **Emendi għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/698**

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/698 hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 7

#### **Detentur tal-awtorizzazzjoni**

Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu jkun Corteva Agriscience LLC, l-Istati Uniti, rappreżentat fl-Unjoni minn Corteva Agriscience Belgium BV.”

- (2) L-Artikolu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 9

#### **Destinatarju**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil Corteva Agriscience LLC, 9330 Zionsville Road Indianapolis, Indiana 46268-1054, l-Istati Uniti, rappreżentata fl-Unjoni minn Corteva Agriscience Belgium BV, Bedrijvenlaan 9, 2800 Mechelen, il-Belġju.”

- (3) fl-Anness, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) **Applikant u detentur tal-awtorizzazzjoni**

Isem: Corteva Agriscience LLC

Indirizz: 9330 Zionsville Road Indianapolis, Indiana 46268-1054, l-Istati Uniti,

rappreżentata fl-Unjoni minn Corteva Agriscience Belgium BV, Bedrijvenlaan 9, 2800 Mechelen, il-Belġju.”

*Artikolu 2***Emendi għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2448**

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2448 hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 7*

**Detentur tal-awtorizzazzjoni**

Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu jkun Corteva Agriscience LLC, l-Istati Uniti, rappreżentat fl-Unjoni minn Corteva Agriscience Belgium BV.”

- (2) L-Artikolu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 9*

**Destinatarju**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil Corteva Agriscience LLC, 9330 Zionsville Road Indianapolis, Indiana 46268-1054, l-Istati Uniti, rappreżentata fl-Unjoni minn Corteva Agriscience Belgium BV, Bedrijvenlaan 9, 2800 Mechelen, il-Belġju.”

- (3) fl-Anness, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

*“(a) Applikant u detentur tal-awtorizzazzjoni*

Isem: Corteva Agriscience LLC

Indirizz: 9330 Zionsville Road Indianapolis, Indiana 46268-1054, l-Istati Uniti,

rappreżentata fl-Unjoni minn Corteva Agriscience Belgium BV, Bedrijvenlaan 9, 2800 Mechelen, il-Belġju.”

*Artikolu 3***Emendi għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2452**

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2452 hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 7*

**Detentur tal-awtorizzazzjoni**

Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu jkun Corteva Agriscience LLC, l-Istati Uniti, rappreżentat fl-Unjoni minn Corteva Agriscience Belgium BV.”

- (2) L-Artikolu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 9*

**Destinatarju**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil Corteva Agriscience LLC, 9330 Zionsville Road Indianapolis, Indiana 46268-1054, l-Istati Uniti, rappreżentata fl-Unjoni minn Corteva Agriscience Belgium BV, Bedrijvenlaan 9, 2800 Mechelen, il-Belġju.”

- (3) fl-Anness, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

*“(a) Detentur tal-awtorizzazzjoni*

Isem: Corteva Agriscience LLC

Indirizz: 9330 Zionsville Road Indianapolis, Indiana 46268-1054, l-Istati Uniti,

rappreżentata fl-Unjoni minn Corteva Agriscience Belgium BV, Bedrijvenlaan 9, 2800 Mechelen, il-Belġju.”

## Artikolu 4

**Emendi għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1109**

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1109 hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 7*

**Detentur tal-awtorizzazzjoni**

Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu jkun Corteva Agriscience LLC, l-Istati Uniti, rappreżentat fl-Unjoni minn Corteva Agriscience Belgium BV.”

- (2) L-Artikolu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 9*

**Destinatarju**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil Corteva Agriscience LLC, 9330 Zionsville Road Indianapolis, Indiana 46268-1054, l-Istati Uniti, rappreżentata fl-Unjoni minn Corteva Agriscience Belgium BV, Bedrijvenlaan 9, 2800 Mechelen, il-Belġju.”

- (3) fl-Anness, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

**“(a) Applikant u detentur tal-awtorizzazzjoni**

Isem: Corteva Agriscience LLC

Indirizz: 9330 Zionsville Road Indianapolis, Indiana 46268-1054, l-Istati Uniti,

rappreżentata fl-Unjoni minn Corteva Agriscience Belgium BV, Bedrijvenlaan 9, 2800 Mechelen, il-Belġju.”

## Artikolu 5

**Emendi għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1110**

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1110 hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 7*

**Detentur tal-awtorizzazzjoni**

Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu jkun Corteva Agriscience LLC, l-Istati Uniti, rappreżentat fl-Unjoni minn Corteva Agriscience Belgium BV.”

- (2) L-Artikolu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 10*

**Destinatarju**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil Corteva Agriscience LLC, 9330 Zionsville Road Indianapolis, Indiana 46268-1054, l-Istati Uniti, rappreżentata fl-Unjoni minn Corteva Agriscience Belgium BV, Bedrijvenlaan 9, 2800 Mechelen, il-Belġju.”

- (3) fl-Anness, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

**“(a) Applikant u detentur tal-awtorizzazzjoni**

Isem: Corteva Agriscience LLC

Indirizz: 9330 Zionsville Road Indianapolis, Indiana 46268-1054, l-Istati Uniti,

rappreżentata fl-Unjoni minn Corteva Agriscience Belgium BV, Bedrijvenlaan 9, 2800 Mechelen, il-Belġju.”

*Artikolu 6***Emendi għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1304**

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1304 hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 7*

**Detentur tal-awtorizzazzjoni**

Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu jkun Corteva Agriscience LLC, l-Istati Uniti, rappreżentat fl-Unjoni minn Corteva Agriscience Belgium BV.”

- (2) L-Artikolu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 9*

**Destinatarju**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil Corteva Agriscience LLC, 9330 Zionsville Road Indianapolis, Indiana 46268-1054, l-Istati Uniti, rappreżentata fl-Unjoni minn Corteva Agriscience Belgium BV, Bedrijvenlaan 9, 2800 Mechelen, il-Belġju.”

- (3) fl-Anness, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

**“(a) Applikant u detentur tal-awtorizzazzjoni**

Isem: Corteva Agriscience LLC

Indirizz: 9330 Zionsville Road Indianapolis, Indiana 46268-1054, l-Istati Uniti,

rappreżentata fl-Unjoni minn Corteva Agriscience Belgium BV, Bedrijvenlaan 9, 2800 Mechelen, il-Belġju.”

*Artikolu 7***Emendi għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1306**

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1306 hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 7*

**Detentur tal-awtorizzazzjoni**

Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu jkun Corteva Agriscience LLC, l-Istati Uniti, rappreżentat fl-Unjoni minn Corteva Agriscience Belgium BV.”

- (2) L-Artikolu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 9*

**Destinatarju**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil Corteva Agriscience LLC, 9330 Zionsville Road Indianapolis, Indiana 46268-1054, l-Istati Uniti, rappreżentata fl-Unjoni minn Corteva Agriscience Belgium BV, Bedrijvenlaan 9, 2800 Mechelen, il-Belġju.”

- (3) fl-Anness, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

**“(a) Applikant u detentur tal-awtorizzazzjoni**

Isem: Corteva Agriscience LLC

Indirizz: 9330 Zionsville Road Indianapolis, Indiana 46268-1054, l-Istati Uniti,

rappreżentata fl-Unjoni minn Corteva Agriscience Belgium BV, Bedrijvenlaan 9, 2800 Mechelen, il-Belġju.”

*Artikolu 8***Emendi għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1388**

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1388 hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 7*

**Detentur tal-awtorizzazzjoni**

Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu jkun Corteva Agriscience LLC, l-Istati Uniti, rappreżentat fl-Unjoni minn Corteva Agriscience Belgium BV."

- (2) L-Artikolu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 9*

**Destinatarju**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil Corteva Agriscience LLC, 9330 Zionsville Road Indianapolis, Indiana 46268-1054, l-Istati Uniti, rappreżentata fl-Unjoni minn Corteva Agriscience Belgium BV, Bedrijvenlaan 9, 2800 Mechelen, il-Belġju."

- (3) fl-Anness, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

**"(a) Applikant u detentur tal-awtorizzazzjoni**

Isem: Corteva Agriscience LLC

Indirizz: 9330 Zionsville Road Indianapolis, Indiana 46268-1054, l-Istati Uniti,

rappreżentata fl-Unjoni minn Corteva Agriscience Belgium BV, Bedrijvenlaan 9, 2800 Mechelen, il-Belġju."

*Artikolu 9***Destinatarju**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil Corteva Agriscience LLC, 9330 Zionsville Road Indianapolis, Indiana 46268-1054, l-Istati Uniti, rappreżentata fl-Unjoni minn Corteva Agriscience Belgium BV, Bedrijvenlaan 9, 2800 Mechelen, il-Belġju.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Frar 2022.

*Għall-Kummissjoni*  
Stella KYRIAKIDES  
*Membru tal-Kummissjoni*